MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carlo Ellul)**

**vs**

**Boshra Triganza ta' 34 sena, bint Abdalla u Breka, mwielda Tripoli fil-15/03/67, u toqghod 42, Okella Agius, Qormi Rd, Hamrun, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 19624 (A).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Boshra Triganza talli nhar it-8 ta' Marzu, 2001 ghall-habta ta' 12.48 hrs f'Qormi Road, Hamrun, ikkommetta serq ta' Lm 7, ghad-detriment ta' Spiridione D'Amato, liema flus kontanti kienu go vettura ipparkjata bin-numru ta' registrazzjoni BBG-976 liema serq hu aggravat bix-xorta tal-haga misruqa, dan bi ksur tal-Artikolu 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzata wiegbet li ma kinitx hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghha. Rat ukoll ( a fol 20) li hi ma kellhiex oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza tittratta fuq allegazzjoni ta' serq ta' seba' liri Maltin (LM 7) mill-karozza ta' Spiridione D'Amato.

Illi fil-fatt l-unika xhur tal-Prosekuzzjoni f'dan ir-rigward kien l-istess derubat innifsu (allegat) li xehed li hu u l-akkuzata kienu fil-fatt irrangaw kollox b'dan fisser li l-akkuzata tatu l-flus, mistoqsi xi flus wiegeb "li kellha ttini" (a fol 24). Qal ukoll li dawn il-flus l-akkuzata kienet hadithomlu mill-karozza.

Jigi rilevat ukoll li D'Amato lahaq miet qabel ma sarlu d-debitu kontro ezami.

Min-naha taghha l-akkuzata primarjament innegat li hi hadet xi flus mill-karozza ta' D'Amato. Anzi qalet li kien dan D'Amato u siehbu (sal-llum mhux maghruf) li qabdu maghha minhabba li hi Gharbija, tant li allegat li anke sawtuha. Ghamlet minhabba hekk fuq istruzzjoni tal-Pulizija, wara, rapport l-Ghassa, anke vista l-polyclinic ghac-certifikat mediku. Qalet ukoll li halliet dan ic-certifikat l-Ghassa. Fil-fehma taghha D'Amato ghamel rapport falz fuqha talli hi rraportat lilu. Innegat konsegwenza ta' hekk il-fatt li hi tat xi flus lura lil D'Amato.

Ikkonsidrat

Illi din l-Qorti hija ghalhekk rinfaccata b'zewg verzjonijiet ghal kollox opposti kemm fis-serq kif  ukoll fir-ritorn tar-res furtiva.  Stramb ukoll il-fatt li D'Amato kien xott hafna fid-depozizzjoni tieghu dwar dan l-allegat serq,  anzi biex izid aktar incertezza fl-allegazzjoni tieghu jixhed dwar flus li Triganza kellha taghtih xi flus donnu qed jimplika self u ftit wara jghid li dawk hadithomlu.

In vista ta' dawn iz-zewg verzjonijiet opposti kif ukoll tal-mod ta' kif u xi ddepona D'Amato, dan kollu jhalli dubju f'mohh il-qorti dwar il-veracita' tat-tezi ta' D'Amato u ghalhekk qed tillibera lil Boshra Triganza mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------